Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 181 :: ĠUNJU 2011

**Editur: Paul Vella**

## TIBDIL FIL-LAQGĦAT TAL-MEMBRI TA' KULL XAHAR

Fil-laqgħa tax-xahar ta' Mejju il-membri ġew mistoqsija jekk jaqblux li l-laqgħat tal-Grupp Letteratura Maltija matul ix-xhur tax-xitwa, flok isiru bħas-soltu fl-aħħar Ġimgħa tax-xahar fiċ-Ċentru Malti fis-7.30 pm, dawn jibdew jinżammu fl-aħħar Ħadd tax-xahar fis-2 ta' wara nofsinhar fl-istess post, jiġifieri fiċ-Ċentru ta' Parkville. Dan sar wara li xi membri tagħna wrew ix-xewqa tagħhom li nibew nagħmlu dawn il-laqħat wara nofsinhar, forsi l-Ħadd, minħabba li ħafna minnha deħlin fl-eta` u qegħdin isibuha bi tqila li jsuqu fid-dlam u forsi anki fil-maltemp u anki fil-ksieħ. Milli jidher il-maġġoranza tal-membri qablu ma' dan u mix-xahar ta' Ġunju il-laqgħat sew jibdew isiru l-aħħar Ħadd tax-xahar, sakemm jidħol is-sajf fejn il-kumitat jerġa jressaq biex jara jekk il-membri jippreferux li l-laqgħat jibqgħu hekk jew jinbidlu għal kif kienu qabel.

### IL-LAQGĦA TAX-XAHAR TA' ĠUNJU

***se tkun waħda differenti minn tas-soltu. F'din il-laqgħa se jintwera film (DVD) ta'***

# THE LAST DAYS

Dramm (play) dwar l-emigranti li sar fuq il-palk. Kitba ta' Manuel Casha — Direzzjoni ta' Mel de Bono
li kienet ġiet ippreżentata mis-Strathmore Theatrical Arts Group STAG ftit xhur ilu

## IL-ĦADD, 26 TA' ĠUNJU

**fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2 pm**

**Dħul $5 u l-profitt kollu jmur għall-Programm tal-Welfare tal-MCCV**

***Ikun hemm te u kafe` u gallettini b'xejn.***

IL-MEMBRI MITLUBA LI JATTENDU U JĠIBU MAGĦHOM LIL TAL-FAMILJA U LIL ĦBIEBHOM.

Din hija storja dwar Ġanni li, wara l-mewt ta' martu Rita, tinbed fih ix-xewqa li jmur lura lejn il-pajjiż li hu u martu ħallew warajhom wara t-Tieni Gwerra Dinjija meta ġew l-Awstralja. Matul 50 sena f'din l-art Ġanni bena negozju u rabba familja. Imma issa li huwa jixtieq li jmur iqatta' l-bqija ta' ħajtu fl-art li ħalla warajh, isib oppożizzjoni mill-familja u l-ħbieb, imma hu xorta jixtieq li jieħu dan il-pass. ***(Jekk il-ħin jippermetti forsi jsir il-qari tas-soltu***

## XOGĦOL GĦAL-LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA

Iż-żmien għaddej.... u l-Lejla Mużiko-Letterarja qed toqrob. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għal-Lejla Mużiko-Letterarja ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Ray Anastasi, 19 Daimler Ave, Keilor Downs, Victoria 3038** sal-15 ta' Ġunju, biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Hemm ħafna membri li ġa bagħtu x-xogħlijiet tagħhom. Barra minn hekk, tkunu qed tgħinu jekk dawk li għandhom il-computer jipprovdu x-xogħol tagħhom bħala WORD file, jekk fuq disk jew dirett permezz tal-*internet* biex niffrankaw aktar xogħol, lil Ray, **rrmlanastasi@iprimus.com.au**

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Kien hemm ħafna li ħallsu l-miżata waqt li kienu fl-aħħar laqgħa. Il-miżata għadha $10. Ħafna mill-membri ġa ħallsu fl-ewwel laqgħat tagħna imma jekk hemm xi ħadd li għadu ma ħallasx nitolbuh jagħel dan.

## TLIET POETI JILTAQGĦU MA’ STUDENTI FIL-KULLEĠĠ DE LA SALLE



Il-Ħamis, 5 ta' Mejju seħħet laqgħa dwar il-Letteratura għall-istudenti tar-raba' sena sekondarja fil-Kulleġġ De La Salle. Il-kelliema prinċipali kienu Trevor Zahra, Victor Fenech u Prof. Oliver Friggieri. Trevor Zahra tkellem fuq in-namra għal-letteratura u kif ir-rakkonti ta' nanntu ispirawh biex jibda jikteb kitbiet għat-tfal. Zahra ammetta li kellu jgħaddi ż-żmien biex beda jesperimenta b'kitbiet għaż-żgħazagħ u għall-adulti. Mill-banda l-oħra, Victor Fenech tkellem fuq is-snin sittin, meta wieħed beda jesperimenta b'forom ġodda ta' kitbiet, filwaqt li stqarr li kien hu li introduċa l-poe-proża fil-Letteratura Maltija. Ma naqasx milli jispjega s-sbuħija tal-poeżija moderna u wera kartolini u fuljetti li fihom kienu jinkitbu l-poeżiji. Prof. Oliver Friggieri tkellem fuq l-importanza tal-Letteratura Maltija, fejn wieħed, permezz tal-kelma jista' jesprimi l-emozzjonijiet tiegħu b'modi differenti. It-tliet kelliema tkellmu wkoll fuq xi xogħlijiet li qed jistudjaw l-istudenti fis-sillabu tagħhom u fl-istess ħin taw l-aħħar tislima lill-mibki Frans Sammut li miet il-jum ta' qabel. Wara l-laqgħa, dawn il-kelliema kienu mistiedna għal programm tar-radju tal-Kulleġġ stess, fejn kellhom diskussjoni mas-Sur Mario Attard. **Ritratt: mix-xellug għal-lemin: l-għalliema Fiona Mallia, il-poeti Victor Fenech, Prof. Oliver Friggieri u Trevor Zahra.**

## MEMRI LI KIENU PREŻENTI GĦAL-LAQGĦA T’APRIL




## ĦARSA MINN GĦAJN IL-LABRA

Dak l'għandi nagħmel irrid nagħmlu issa,
għax il-lum żgur u jisbaħx għada, ma nafx.
Hekk kien għallem u hekk kien Kristu wissa;
Tħobb 'l Alla l-ewwel u ħliefu ma tagħrafx.

Imbagħad lill-proxxmu tħobb bħalek innifsek,
b'ruħek, b'ġismek, b'moħħok u b'qalbek kollha.
Mingħajr ma tħalli 'l ħadd jipprova jirfsek,
iżżomm paċenzja w tagħder bla tinkorla.

Diffiċli tħobb l-aktar lil min joboghdok
jew tagħmel ġid lil min deni jagħmillek.
Il-għira, l-flus, l-unuri, xejn ma jgħoddlok,
l-abbuż, id-droga, x-xorb taħrab jaqbillek.

Trid tofsoq minn ġo fik, lilek innifsek
teqred ksieħ imħabbtek u l-Ġuda f'bewsek.

*Nazzarenu Zerafa, Brisbane*

## BILLABONG — BLOGG TAL-MEMBRU TAGĦNA JOE SALIBA

Il-ħabib u membru tagħna, il-poeta Joe Saliba qalli li Charles Belli tah permess li jtella’ fis-sezzjoni tiegħu ta’ YOUTUBE vidjow sħiħ li huwa kien ipproduċa għas-serje tiegħu DJARJU MALTI MILL-AWSTRALJA fl-2003. Il-programm kif tellgħu Joe fuq YOUTUBE jismu DJARJU MALTI MILL-AWSTRALJA KITTIEBA MALTIN-AWSTRALJANI u twil 34 minuta. Naturalment dan il-proġett jagħti tagħrif fuq il-Grupp tagħna u x-xogħlijiet tal-membri. Jidhru ħafna membri jaqraw li ftit minnhom sfortunatament m’għadhomx magħna. Min jixtieq jarah irid jagħmel hekk. L-ewwel jidħol fil-blog ta’ Joe Saliba **BILLABONG** **www.joesalibaaustralia.blogspot.com** u mbagħad jagħfas fuq il-link fuq in-naħa ta’ fuq **http://www.youtube.com/jpasaltube** . Hemmhekk isibu wkoll xi siltiet partikulari mill-programm. Aktar ’il quddiem bi ħsiebu jtella’ aktar siltiet partikulari minnu.

VICTORIAN
multicultural
commission

*Proudly supported by the Victorian Multicultural Commission*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**